II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1063

tas-16 ta' Mejju 2018

li jemenda u li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 7, 24, 65, 88, 99, 142, 151, 156, 160, 212, 216, 231 u 253 tiegħu,

Billi:

(1) L-implimentazzjoni prattika tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi) flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([2]) uriet li jeħtieġ li jsiru xi emendi għal dak ir-Regolament Delegat sabiex jiġi aġġustat aħjar għall-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-amministrazzjonijiet doganali.

(2) Fl-Artikolu 1(19) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "esportatur" tiġi mmodifikata b'rabta mal-esportazzjoni ta' merkanzija li ma tinġarrx minn individwu privat fil-bagalji personali tiegħu, sabiex tingħata iktar flessibilità lis-sħab tan-negozju fl-għażla tal-persuna li tista' taġixxi bħala esportatur. Id-definizzjoni attwali hija problematika peress li tiddetermina bħala "esportatur" lil persuna waħda biss, li jkollha tissodisfa tliet rekwiżiti kumulattivi: tkun stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, tkun detentur ta' kuntratt ma' destinatarju f'pajjiż terz, u jkollha s-setgħa li tiddetermina li l-merkanzija trid tiġi ttrasportata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni l-ġdida ta' "esportatur" tkun inqas restrittiva u tkun tillimita l-kundizzjonijiet biex wieħed ikun esportatur għar-rekwiżiti essenzjali għall-funzjonament tal-proċedura tal-esportazzjoni: l-esportatur irid ikollu s-setgħa li jiddetermina li l-merkanzija tkun trid tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u, b'konformità mal-Artikolu 170(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-esportatur irid ikun stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni. Huwa biss f'każijiet meta s-sħab tan-negozju ma jaqblux fuq il-persuna li tista' taġixxi bħala esportatur jew il-persuna ma tkunx stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li l-esportatur jiġi ddeterminat mil-leġiżlazzjoni doganali.

(3) Fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, il-persuni li jitolbu prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, irrispettivament jekk ikunux stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni jew le, jenħtieġ li jintalbu jirreġistraw għal numru EORI sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw is-sistema tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 ([3]).

(4) L-awtoritajiet doganali jeħtieġu deroga permanenti mill-obbligu li jużaw tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li qajla jseħħu u li għalihom l-obbligu li jużaw tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta jkun jeħtieġ sforz ekonomiku sproporzjonat. Minħabba li l-firxa ta' tekniki

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).

elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta tvarja minn Stat Membru għal ieħor, l-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li fir-rigward tagħhom jenħtieġ li din id-deroga tingħata, ivarjaw ukoll minn Stat Membru għal ieħor. L-Istati Membri kollha jridu jużaw tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta fir-rigward tal-applikazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet li għalihom jeżistu rekwiżiti komuni tad-dejta u li għalihom tħejjew sistemi elettroniċi komuni. B'hekk, jenħtieġ li jiġi stipulat Artikolu 7a ġdid tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 li jippermetti l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta esklużivament għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

(5) Sabiex jiġi evitat li l-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiddewwem bla bżonn minn applikant li ma jipprovdix l-informazzjoni t-tajba lill-awtoritajiet doganali, minkejja li jkun ingħata l-opportunità li jagħmel dan, jenħtieġ li l-Artikolu 10(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 ma jestendix id-dritt li jinstemgħu għal applikanti li jkunu ntalbu jipprovdu informazzjoni rilevanti u ma jkunux għamlu dan, bir-riżultat li l-awtoritajiet doganali ma jkunux jistgħu jaċċettaw l-applikazzjoni tagħhom.

(6) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' esportatur reġistrat fl-Artikolu 37(21) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 tiġi ċċarata biex tkopri wkoll lill-esportaturi stabbiliti fi Stat Membru u reġistrati mal-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru, għall-fini tal-esportazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-Unjoni lejn pajjiż jew territorju li miegħu l-Unjoni jkollha arranġament kummerċjali preferenzjali, sabiex dawk l-esportaturi jkunu jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet tal-oriġini biex jibbenefikaw mill-arranġament kummerċjali preferenzjali kkonċernat. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li d-definizzjoni ma tinkludix ir-reġistrazzjoni ta' esportaturi tal-Unjoni għall-fini ta' sostituzzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini meta l-merkanzija tiġi rikunsinnata lejn it-Turkija, għaliex is-sostituzzjoni ta' prova tal-oriġini fl-UE meta l-merkanzija tiġi rikunsinnata lejn it-Turkija mhijiex applikabbli.

(7) L-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jipprevedi l-possibbiltà li jintużaw mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta meta jiġu ppreżentati applikazzjonijiet biex wieħed isir esportatur reġistrat. Jenħtieġ li din id-deroga permanenti tiġi estiża għal kull komunikazzjoni u għal kull skambju ta' informazzjoni b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-istatus ta' esportatur reġistrat u b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni u att sussegwenti marbuta mal-ġestjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet, peress li s-sistema elettronika eżistenti għall-ipproċessar tad-dejta għall-esportaturi reġistrati, is-Sistema tal-Esportaturi Reġistrati (REX) imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/578, attwalment ma tinkludix interfaċċa armonizzata għall-komunikazzjonijiet mal-operaturi ekonomiċi. Id-deroga hija temporanja u ma tkunx meħtieġa ladarba s-sistema REX tipprovdi dik l-interfaċċa armonizzata.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar l-oriġini tal-merkanzija, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi benefiċjarji li japplikaw l-akkumulazzjoni bilaterali jew reġjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 53 u fl-Artikolu 55(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, iwettqu l-verifiki u l-kontrolli kollha meħtieġa tal-oriġini u mhux biss jikkontrollaw il-ħruġ jew it-tfassil tal-provi tal-oriġini.

(9) Sabiex tiġi ċċarata iktar ir-regola għad-determinazzjoni tal-oriġini fil-każ ta' akkumulazzjoni reġjonali, jenħtieġ li t-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 55(4) u tal-Artikolu 55(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jingħaqdu.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mat-termini użati fl-Artikolu 166(1)(b) u (c), fl-Artikolu 167(1)(s), fl-Artikolu 168 u fl-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, jenħtieġ li l-kliem li ntuża fl-Artikolu 76 ta' dak ir-Regolament Delegat fir-rigward tad-deroga għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni fuq il-prodotti proċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar attiv, jiġi emendat.

(11) Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Artikolu 82 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jirreferi għall-Anness li fih jiġu stabbiliti r-rekwiżiti komuni rilevanti tad-dejta għall-impenn tal-garanti.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-garanziji, jenħtieġ li r-referenza fl-Artikolu 83 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 għall-Istati Membri tiġi sostitwita b'referenza għall-awtoritajiet doganali.

(13) Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ħlas lura jew remissjoni previst fl-Artikolu 97 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġi estiż meta ma jkunx possibbli għall-awtorità doganali kompetenti li twettaq valutazzjoni u tieħu deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni f'perjodu ta' żmien xieraq minħabba li d-deċiżjoni li trid tittieħed tkun tiddependi fuq l-eżitu ta' każ li jinvolvi kwistjonijiet pendenti identiċi jew komparabbli ta' fatti u ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew ta' proċeduri amministrattivi pendenti li jistgħu jaffettwaw dik id-deċiżjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-estensjoni tal-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni ma taffettwax b'mod avvers lill-applikant, jenħtieġ li dik l-estensjoni tkun possibbli biss jekk l-applikant ma jopponihiex u jenħtieġ li tkun limitata b'mod ċar għal dawk is-sitwazzjonijiet speċifiċi.

(14) Sabiex jiġi żgurat il-fluss bla xkiel fil-kummerċ ta' merkanzija tal-Unjoni bejn partijiet mit-territorju doganali tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) jew id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ([2]) u partijiet minn dak it-territorju li fihom dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx (territorji fiskali speċjali), jenħtieġ li l-Artikoli 114 u 134 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jistabbilixxu ċerti simplifikazzjonijiet li jikkonċernaw il-formalitajiet u l-kontrolli doganali li huma applikabbli għal dak il-kummerċ meta jseħħ fl-istess Stat Membru.

(15) Skont l-Artikolu 115 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, post għajr l-uffiċċju doganali kompetenti jista' jiġi approvat għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' merkanzija bil-kundizzjoni li l-merkanzija tiġi ddikjarata għal proċedura doganali jew tiġi riesportata f'perjodu ta' żmien qasir ħafna. Jenħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż kemxejn sabiex iktar operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkonformaw ma' dik il-kundizzjoni. Jenħtieġ li l-istess estensjoni tapplika għall-kundizzjoni rigward l-approvazzjoni ta' post għajr faċilità ta' ħażna temporanja għall-ħażna temporanja tal-merkanzija.

(16) Sabiex tiġi protetta l-informazzjoni dwar il-post tal-qabda tal-prodotti tas-sajd meta l-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd tiġi pprovduta lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiċċertifikaw li l-prodotti u l-merkanzija tas-sajd marittimu trażbordati u trasportati mill-pajjiż jew mit-territorju tagħhom ma jkunux ġew immanipulati, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jitħallew ineħħu dik l-informazzjoni mill-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-finijiet ta' dik iċ-ċertifikazzjoni. Sabiex tkun tista' ssir l-allokazzjoni tal-prodotti u tal-merkanzija tas-sajd marittimu fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd rispettiv fil-każijiet fejn iċ-ċertifikazzjoni ta' nuqqas ta' manipulazzjoni tiġi pprovduta fuq formola jew fuq dokument għajr il-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku jinkludi f'dik il-formola jew f'dak id-dokument, referenza għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd rispettiv.

(17) Jenħtieġ li l-possibbiltà fl-Artikolu 136 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 li jiġi ddikjarat verbalment mezz tat-trasport għal dħul temporanju tiġi estiża biex tkopri s-sitwazzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikoli 214, 215 u 216 ta' dak ir-Regolament Delegat minħabba li normalment il-formalitajiet doganali standard ma jkunux meħtieġa għal merkanzija ta' dik ix-xorta.

(18) Il-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni f'ċerti każijiet ta' pproċessar attiv ġie previst darbtejn bl-istess mod fl-Artikoli 76(b) u 168(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446. Jenħtieġ li din id-duplikazzjoni titneħħa billi jitħassar l-Artikolu 168(2).

(19) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet ta' użu finali li jippermettu l-ħażna f'daqqa ta' prodotti differenti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 27 u 29 tan-Nomenklatura Magħquda ("ħażna mħallta") jistabbilixxu garanziji suffiċjenti għall-identifikazzjoni sussegwenti tal-merkanzija differenti li tkun ġiet imħallta u li jippermettu s-superviżjoni tagħha matul id-dwana. Jenħtieġ li dispożizzjoni simili għal dik li teżisti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([3]) li tħassar, tiddaħħal fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

(20) Sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-Artikolu 118(4) tal-Kodiċi, jenħtieġ li l-Artikolu 189 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jippermetti li merkanzija difettuża jew merkanzija li ma tikkonformax mat-termini tal-kuntratt, titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, minflok tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, u żewġ tipi ta' merkanzija jwasslu biex dik il-merkanzija titlef l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

(21) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-proċedura tal-esportazzjoni segwita minn proċedura ta' tranżitu u sabiex jiġi eliminat ir-riskju li jfeġġ dejn doganali u dejn għal tariffi oħra mhux koperti minn garanzija, jenħtieġ li l-merkanzija tal-Unjoni esportata lejn pajjiż terz u li tiġi trasportata mit-territorju doganali tal-Unjoni taħt operazzjoni TIR jew taħt proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul, titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern u b'hekk issir merkanzija mhux tal-Unjoni.

(22) Sabiex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni mill-awtoritajiet doganali ta' movimenti ta' merkanzija msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE mqiegħda taħt il-proċedura tal-esportazzjoni segwita mill-proċedura ta' tranżitu, jenħtieġ li dik il-merkanzija titħalla titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, u b'hekk titlef l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

(23) Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet mill-awtoritajiet doganali u sabiex il-proċess tal-applikazzjoni jkun iktar effiċjenti għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-kunsinnaturi awtorizzati jitħallew jissottomettu applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali lill-awtorità doganali li tkun kompetenti għall-għoti tal-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat.

(24) Għadd ta' dispożizzjonijiet marbuta mad-dħul temporanju jirreferu għal mezzi tat-trasport li jintużaw privatament jew kummerċjalment. Jenħtieġ li t-tifsira ta' dawk it-termini tiġi ċċarata għall-finijiet tar-regoli kollha dwar eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fil-kuntest ta' dħul temporanju. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 215(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġu kkonvertiti f'regola iktar ġenerali fl-Artikolu 207 ta' dak ir-Regolament Delegat.

(25) Jenħtieġ li jiddaħħal paragrafu ġdid fl-Artikolu 215 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, sabiex il-persuni fiżiċi li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-proċedura tad-dħul temporanju biex b'ħekk ikunu jistgħu jużaw fl-Unjoni mezzi tat-trasport bit-triq mhux tal-Unjoni mikrija privatament. Il-ftuħ ta' din il-possibbiltà jsolvi wħud mill-problemi li jiffaċċjaw l-aġenziji tal-kiri tal-karozzi u jħeġġeġ it-turiżmu fil-fruntieri. Madankollu, peress li d-dħul temporanju huwa maħsub b'mod prinċipali għal persuni stabbiliti 'l barra mill-Unjoni, jenħtieġ li l-Artikolu 218 jillimita dan l-użu privat għal perjodu ta' żmien qasir.

(26) Jenħtieġ li l-użu tal-proċedura tad-dħul temporanju skont l-Artikolu 218, l-Artikolu 220, l-Artikolu 223, l-Artikolu 228 u l-Artikoli 231 sa 236 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 ikun permess ukoll meta d-detentur tal-proċedura jkun stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni. Din il-flessibbiltà hija meħtieġa għaliex ma hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika trattament differenti tal-persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni u 'l barra minnu għall-finijiet tal-importazzjoni temporanja ta' ċertu merkanzija, bħal pereżempju l-merkanzija li trid tiġi esibita jew tintuża f'avveniment pubbliku.

(27) Sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ġuridiċi jiġu implimentati kif jixraq fis-sistemi elettroniċi rilevanti, jenħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tal-Annessi A u B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

(28) Permezz tad-Deċiżjoni 94/800/KE ([1]), il-Kunsill approva l-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994. L-Anness 22-01 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jipprevedi regoli speċifiċi biex jiġi ddeterminat il-pajjiż fejn ċertu merkanzija saritilha l-aħħar trasformazzjoni sostanzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 32 tal-istess Regolament. Jenħtieġ li lista ta' regoli ta' dan it-tip tiġi estiża biex tinkludi prodotti addizzjonali sabiex tippermetti interpretazzjoni uniformi tal-prinċipju tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali għal dawk il-prodotti. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li r-regoli jiġu applikati kif suppost, il-lista tiġi aġġornata mal-aħħar verżjoni tan-nomenklatura tal-merkanzija stabbilita skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (is-Sistema Armonizzata).

(29) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, ġew identifikati tipi differenti ta' żbalji u jeħtieġ li jiġu kkoreġuti. Fl-Artikoli 124a, 126a, 129a, 129d, 131, 193, 195 u 197, ir-referenza għall-Artikoli tal-Kodiċi li qed jiġi ssupplimentat jeħtieġ li tkun iktar preċiża. Fl-Annessi A u B, ċerti elementi tad-dejta jeħtieġ li jiġu definiti aħjar. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-mudelli fl-Annessi B-03 u B-05 li fihom żball fir-referenza numerika tal-element "Numru ta' referenza/UCR" jiġu sostitwiti u jenħtieġ li jiġi kkoreġut żball fir-referenza tal-element tad-dejta komuni "Il-Kodiċi tan-NM, il-kwantità netta, il-valur (O)" fl-Anness 71-05. Jenħtieġ li fl-Anness 90 jiġu kkoreġuti xi referenzi żbaljati għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]), għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 u għall-Kodiċi.

(30) Id-dispożizzjonijiet emendatorji ta' dan ir-Regolament jimmodifikaw diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 li kienu diffiċli biex jiġu applikati fil-prattika. Jenħtieġ li dawn jiżguraw li l-Kodiċi u r-Regolament Delegat jiġu implimentati iktar b'konformità mar-realtà ekonomika u għaldaqstant huma meħtieġa b'urġenza. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(31) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li d-dispożizzjoni l-ġdida dwar l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta fir-rigward tal-applikazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 japplikaw

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi tad-Dwana Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

mit-2 ta' Ottubru 2017. F'dik id-data, ġiet skjerata s-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/578, u minn dak iż-żmien 'il hawn, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 ([1]), l-awtoritajiet doganali ma jistgħux jibqgħu jippermettu l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet doganali. Madankollu, wara t-2 ta' Ottubru 2017, xorta kellhom jibqgħu jintużaw ċerti applikazzjonijiet u deċiżjonijiet stampati. Jenħtieġ li dawn iħallu effetti għal ċertu perjodu ta' żmien u la huwa fl-interess tal-operatur ekonomiku u lanqas fl-interess tal-Istat Membru li l-validità tagħhom tiġi ddubitata minħabba li ma jkunux fil-forma dovuta.

(32) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(19) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(19) "esportatur" tfisser:

(a) individwu privat li jkun qed iġorr il-merkanzija li trid tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn din il-merkanzija tkun tinsab fil-bagalji personali tal-individwu privat;

(b) f'każijiet oħra, fejn (a) ma japplikax:

(i) persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li jkollha s-setgħa li tiddetermina u li ddeterminat li l-merkanzija trid tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju doganali;

(ii) fejn (i) ma japplikax, kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun parti kontraenti għal kuntratt li skontu l-merkanzija trid tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju doganali.";

(2) fl-Artikolu 5(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(f) jitlob ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.";

(3) fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I, jiddaħħal dan li ġej:

"Subtaqsima 0

Mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni li jintużaw għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A

Artikolu 7a

Applikazzjonijiet u deċiżjonijiet li jsiru permezz ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A u b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni u att sussegwenti marbuta mal-ġestjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.";

(4) fl-Artikolu 10, il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meta l-applikazzjoni għal deċiżjoni ma tiġix aċċettata skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament jew skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*);

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).";

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn issistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 69, 15.3.2016, p. 1).

(5) fl-Artikolu 37(21), il-punti (b) u (c) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) esportatur li jkun stabbilit fi Stat Membru u li jkun reġistrat mal-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru għall-fini tal-esportazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni lejn pajjiż jew lejn territorju li magħhom l-Unjoni jkollha arranġament kummerċjali preferenzjali; jew

(c) rikunsinnatur tal-merkanzija li jkun stabbilit fi Stat Membru u li jkun reġistrat mal-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru għall-fini li jagħmel dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini sabiex prodotti oriġinarji jiġu rikunsinnati lejn post ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni jew, fejn ikun applikabbli, lejn in-Norveġja jew lejn l-Iżvizzera ("rikunsinnatur reġistrat");";

(6) l-Artikolu 40 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 40*

Mezzi għall-applikazzjoni biex wieħed isir esportatur reġistrat u għall-iskambju ta' informazzjoni ma' esportaturi reġistrati

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta jistgħu jintużaw għal kull komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-istatus ta' esportatur reġistrat u b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni u att sussegwenti marbuta mal-ġestjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.";

(7) fl-Artikolu 53, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikoli 41 sa 52 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 108 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal esportazzjonijiet mill-Unjoni lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.";

(8) l-Artikolu 55 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-akkumulazzjoni reġjonali bejn pajjiżi benefiċjarji fl-istess grupp reġjonali għandha tapplika biss bil-kundizzjoni li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-pajjiż benefiċjarju fejn il-materjali jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati jmur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1) u, fil-każ ta' prodotti tessili, anke lil hinn mill-operazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 22-05.

Meta l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma tkunx issodisfata, il-pajjiż li jrid jiġi ddikjarat bħala l-pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini li tinħareġ jew li ssir għall-finijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti lejn l-Unjoni għandu jkun il-pajjiż tal-grupp reġjonali fejn joriġina l-ogħla sehem tal-valur tal-materjali li ntużaw fil-manifattura tal-prodott finali.";

(b) il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta tingħata, l-akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi benefiċjarji tal-Grupp I jew tal-Grupp III għandha tippermetti li l-materjali li joriġinaw f'pajjiż ta' grupp reġjonali wieħed jitqiesu bħala materjali li jkunu oriġinaw f'pajjiż tal-grupp reġjonali l-ieħor meta jiġu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk, diment li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-pajjiż benefiċjarju tal-aħħar imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1) u, fil-każ ta' prodotti tessili, anke lil hinn mill-operazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 22-05.

Meta l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma tkunx issodisfata, il-pajjiż li jrid jiġi ddikjarat bħala l-pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini għall-finijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti lejn l-Unjoni għandu jkun il-pajjiż li jipparteċipa fl-akkumulazzjoni fejn joriġina l-ogħla sehem tal-valur tal-materjali li ntużaw fil-manifattura tal-prodott finali.";

(c) il-paragrafu 8 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Artikoli 41 sa 52 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 108 sa 111 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal esportazzjonijiet minn pajjiż benefiċjarju għal ieħor għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.";

(9) fl-Artikolu 76, il-punt (b) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fi żmien l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali sabiex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv, il-merkanzija tkun ġiet soġġetta għal miżura ta' politika agrikola jew kummerċjali, għal dazju provviżorju jew definittiv tal-antidumping, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet li kieku din ġiet iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;";

(10) fl-Artikolu 82, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta tal-impenn ta' garanti biex tiġi pprovduta garanzija individwali, garanzija individwali fil-forma ta' kupuni jew garanzija komprensiva huma stabbiliti fl-Annessi 32-01, 32-02 u 32-03 rispettivament.";

(11) fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw il-forom ta' garanzija msemmija fil-paragrafu 1 diment li dawk il-forom ta' garanzija jkunu aċċettati skont il-liġi nazzjonali.";

(12) l-Artikolu 97 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 97*

Estensjoni tal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni

(l-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Meta jkun japplika l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi jew il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni għandu jiġi sospiż sa żmien meta l-Istat Membru kkonċernat ikun irċieva n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew innotifika mill-Kummissjoni li l-fajl ġie ritornat għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 98(6) ta' dan ir-Regolament.

2. Meta jkun japplika l-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni għandu jiġi sospiż sa żmien meta l-Istat Membru kkonċernat ikun irċieva notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-każ li jinvolvi kwistjonijiet paragunabbli fil-fatt u fid-dritt.

3. Meta d-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tista' tiġi affettwata mill-eżitu ta' waħda mill-proċeduri amministrattivi pendenti jew proċedimenti tal-qorti, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni, bil-qbil tal-applikant, jista' jiġi estiż kif ġej:

(a) Jekk każ li jinvolvi kwistjonijiet identiċi jew paragunabbli fil-fatt u fid-dritt ikun pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għal perjodu li jintemm mhux iktar tard minn 30 jum wara d-data li tinqata' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

(b) Jekk id-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tiddependi fuq l-eżitu ta' talba għal verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini preferenzjali li tkun saret skont l-Artikoli 109, 110 jew 125 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew skont il-ftehim preferenzjali kkonċernat, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għad-durata tal-verifika kif imsemmi fl-Artikoli 109, 110 jew 125 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew permezz tal-ftehim preferenzjali kkonċernat, u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn 15-il xahar mid-data li fiha tkun intbagħtet it-talba; u

(c) Jekk id-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tiddependi fuq l-eżitu ta' proċedura ta' konsultazzjoni bl-għan li tiżgura l-klassifikazzjoni tariffarja korretta u uniformi jew id-determinazzjoni tal-oriġini tal-merkanzija kkonċernata fil-livell tal-Unjoni, li tkun saret skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għal perjodu li jintemm mhux iktar tard minn 30 jum wara n-notifika mill-Kummissjoni tal-irtirar tas-sospensjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet BTI u BOI, kif previst fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.";

(13) l-Artikolu 114 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 114*

Kummerċ ma' territorji fiskali speċjali

(l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikoli 115 sa 118 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 133 sa 152 tal-Kodiċi għall-merkanzija tal-Unjoni li tinġab minn jew lejn territorju fiskali speċjali lejn jew minn parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali u li ma tinsabx fl-istess Stat Membru.

2. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tintbagħat minn territorju fiskali speċjali lejn parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali, iżda li tkun tinsab fl-istess Stat Membru, din għandha tiġi ppreżentata lid-dwana minnufih mal-wasla tagħha f'dik il-parti l-oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni. Madankollu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat, il-merkanzija tista' tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali magħżul jew fi kwalunkwe post ieħor magħżul jew approvat minn dik l-awtorità doganali qabel it-tluq tagħha mit-territorju fiskali speċjali.

Il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata lid-dwana mill-persuna li ġġib il-merkanzija lejn il-parti l-oħra tat-territorju doganali jew mill-persuna li għan-nom tagħha jew f'isimha l-merkanzija tinġab lejn dik il-parti tat-territorju doganali tal-Unjoni.

3. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tintbagħat minn parti tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali, lejn territorju fiskali speċjali fl-istess Stat Membru, din għandha tiġi ppreżentata lid-dwana minnufih mal-wasla tagħha fit-territorju fiskali speċjali. Madankollu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat, il-merkanzija tista' tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali magħżul jew fi kwalunkwe post ieħor magħżul jew approvat minn dik l-awtorità doganali qabel it-tluq tagħha mill-post tad-dispaċċ.

Il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata mill-persuna li ġġib il-merkanzija lejn it-territorju fiskali speċjali jew mill-persuna li għan-nom tagħha jew f'isimha l-merkanzija tinġab lejn it-territorju fiskali speċjali.

4. Il-merkanzija tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun soġġetta biss għad-dispożizzjonijiet doganali skont l-Artikolu 134 ta' dan ir-Regolament.";

(14) l-Artikolu 115 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 115*

Approvazzjoni ta' post għall-preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana u għall-ħażna temporanja

(l-Artikoli 139(1) u 147(1) tal-Kodiċi)

1. Post li mhuwiex l-uffiċċju doganali kompetenti jista' jiġi approvat għall-finijiet tal-preżentazzjoni tal-merkanzija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 148(2) u (3) tal-Kodiċi u fl-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-merkanzija tiġi ddikjarata għal proċedura doganali jew tiġi riesportata mhux iktar tard minn tliet ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha jew mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha fil-każ ta' destinatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux jeħtieġu li l-merkanzija tiġi eżaminata skont l-Artikolu 140(2) tal-Kodiċi.

Meta l-post diġà jkun awtorizzat għall-fini tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' ħażna temporanja, dik l-approvazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa.

2. Post li mhuwiex faċilità ta' ħażna temporanja jista' jiġi approvat għall-ħażna temporanja tal-merkanzija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 148(2) u (3) tal-Kodiċi u fl-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-merkanzija tiġi ddikjarata għal proċedura doganali jew tiġi riesportata mhux iktar tard minn tliet ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha jew mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha fil-każ ta' destinatarju awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux jeħtieġu li l-merkanzija tiġi eżaminata skont l-Artikolu 140(2) tal-Kodiċi.";

(15) l-Artikolu 133 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 133*

Prodotti u merkanzija trażbordati u trasportati minn pajjiż jew territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni

(l-Artikolu 6(2) u (3)(a) tal-Kodiċi)

1. Meta l-prodotti u l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 119(1)(d) u (e) jiġu trażbordati u trasportati minn pajjiż jew territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, għall-finijiet ta' prova tal-istatus doganali skont l-Artikolu 129, għandha tiġi pprovduta verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew tal-bastiment fabbrika tal-Unjoni, akkumpanjata minn verżjoni stampata tad-dikjarazzjoni tat-trażbord, fejn applikabbli, u fuqha, flimkien mal-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 130(1), tiġi ddikjarata l-informazzjoni li ġejja:

(a) approvazzjoni mill-awtorità doganali ta' dak il-pajjiż jew territorju;

(b) id-dati tal-wasla tal-prodotti u tal-merkanzija f'dak il-pajjiż jew territorju u tat-tluq minnu;

(c) il-mezzi tat-trasport li ntużaw għar-rikunsinna lejn it-territorju doganali tal-Unjoni;

(d) l-indirizz tal-awtorità doganali msemmija fil-punt (a).

Għall-finijiet ta' preżentazzjoni lill-awtorità doganali ta' pajjiż jew ta' territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, il-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma hemmx għalfejn tinkludi l-informazzjoni dwar il-post fejn inqabdu l-prodotti tas-sajd marittimu kif stabbilit fl-Artikolu 130(1)(a).

2. Meta jintużaw formoli jew dokumenti oħra għajr verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-finijiet tal-paragrafu 1, dawk il-formoli jew dokumenti, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 1, għandhom jinkludu referenza għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd, li permezz tagħha tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tal-vjaġġ tas-sajd rispettiv.";

(16) l-Artikolu 134 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 134*

Dikjarazzjonijiet doganali fil-kummerċ ma' territorji fiskali speċjali

(l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi:

(a) il-Kapitoli 2, 3 u 4 tat-Titolu V tal-Kodiċi;

(b) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu VIII tal-Kodiċi;

(c) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu V ta' dan ir-Regolament;

(d) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu VIII ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-kuntest tal-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi li jseħħ fl-istess Stat Membru, l-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru jistgħu japprovaw li dokument wieħed jista' jintuża biex jiġu ddikjarati d-dispaċċ ("dikjarazzjoni tad-dispaċċ") u l-introduzzjoni ("dikjarazzjoni tal-introduzzjoni") tal-merkanzija kkunsinnati lejn, minn jew bejn it-territorji fiskali speċjali.

3. Sad-dati tal-aġġornament tas-Sistemi tal-Importazzjoni Nazzjonali msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/578, fil-kuntest ta' kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi li jseħħ fl-istess Stat Membru, l-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-użu ta' fattura jew ta' dokument tat-trasport minflok id-dikjarazzjoni tad-dispaċċ jew tal-introduzzjoni.";

(17) fl-Artikolu 136(1), il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) palits, kontejners u mezzi tat-trasport, u parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għal dawk il-palits, kontejners u mezzi tat-trasport, kif imsemmija fl-Artikoli 208 sa 216;";

(18) fl-Artikolu 168, jitħassar il-paragrafu 2;

(19) fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII, jiddaħħal l-Artikolu 177a li ġej:

"*Artikolu 177a*

Ħażna mħallta ta' prodotti soġġetti għal superviżjoni doganali taħt l-użu aħħari

(l-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

L-awtorizzazzjoni għall-użu aħħari kif imsemmi fl-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi għandha tistabbilixxi l-mezzi u l-metodi ta' identifikazzjoni u ta' superviżjoni doganali għall-ħażna mħallta ta' prodotti soġġetti għal superviżjoni doganali li jaqgħu taħt il-Kapitoli 27 u 29 tan-Nomenklatura Maqgħuda jew ta' dawn il-prodotti bi żjut minerali (petroleum) mhux raffinati li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2709 00.

Meta l-prodotti msemmija fl-ewwel paragrafu ma jaqgħux fl-istess kodiċi tan-NM bi tmien ċifri, jew ma jkollhomx l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiki tekniċi u fiżiċi, il-ħażna mħallta tista' titħalla biss meta t-taħlita sħiħa trid tgħaddi minn wieħed mit-trattamenti msemmija fin-Nota Addizzjonali 5 tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Maqgħuda.";

(20) l-Artikolu 189 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 189*

Applikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu estern f'każijiet speċifiċi

(l-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi)

1. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata lejn pajjiż terz li jkun parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni jew meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni wieħed jew iktar u japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, il-merkanzija għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija tal-Unjoni tkun għaddiet mill-formalitajiet tal-esportazzjoni doganali bl-għan li jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(b) il-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet minn ħażniet ta' intervent, tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-użu jew tad-destinazzjoni tagħha, u tkun għaddiet mill-formalitajiet doganali dwar l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(c) il-merkanzija tal-Unjoni tkun eliġibbli għal ħlas lura jew remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 118(1) tal-Kodiċi.

2. Il-merkanzija tal-Unjoni li tkun eliġibbli għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 118(1) tal-Kodiċi tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikoli 118(4) u 226(2) tal-Kodiċi.

3. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata lejn pajjiż terz u tiġi trasportata fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt operazzjoni TIR jew taħt proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-merkanzija għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi.

4. Meta tiġi esportata l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118/KE li jkollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, dik il-merkanzija tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi.";

(21) jiddaħħal l-Artikolu 197a li ġej:

"*Artikolu 197a*

Applikazzjonijiet għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

(it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)'

Meta kunsinnatur awtorizzat jew operatur ekonomiku li japplika għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi japplika għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi, l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu deċiżjoni fl-Istat Membru fejn ikunu ppjanati li jibdew l-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni tal-kunsinnatur awtorizzat.";

(22) fl-Artikolu 207, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Meta f'din is-Subtaqsima jissemma użu kummerċjali ta' mezz tat-trasport, dan għandu jfisser l-użu ta' mezz tat-trasport għat-trasport ta' persuni għal remunerazzjoni jew l-użu ta' mezz tat-trasport għat-trasport industrijali jew kummerċjali tal-merkanzija, kemm jekk għal remunerazzjoni u kemm jekk le. L-użu privat ta' mezz tat-trasport għandu jfisser l-użu ta' mezz tat-trasport għajr wieħed kummerċjali.";

(23) fl-Artikolu 212, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta l-mezzi tat-trasport jiġu ddikjarati verbalment għal dħul temporanju skont l-Artikolu 136(1) jew permezz ta' att ieħor skont l-Artikolu 139(1), flimkien mal-Artikolu 141(1), l-awtorizzazzjoni għal dħul temporanju għandha tingħata lill-persuna li jkollha l-kontroll fiżiku tal-merkanzija fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija għall-proċedura ta' dħul temporanju sakemm dik il-persuna ma taġixxix f'isem persuna oħra. Jekk dan ikun il-każ, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata lill-persuna tal-aħħar.";

(24) l-Artikolu 215 jiġi emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Persuni fiżiċi li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi tat-trasport li jkunu krew b'kuntratt bil-miktub konkluż ma' servizz professjonali tal-kiri tal-karozzi u li jużaw privatament.";

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

(25) fl-Artikolu 218, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 215(2a), il-mezzi tat-trasport għandhom jiġu riesportati fi żmien tmint ijiem minn mindu jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura ta' dħul temporanju.";

(26) fl-Artikolu 220, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dħul temporanju u d-detentur tal-proċedura ta' dħul temporanju stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw ukoll minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal materjali għall-benessri tal-baħħara.";

(27) fl-Artikolu 223, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(28) fl-Artikolu 228, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(29) fl-Artikolu 231, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(30) fl-Artikolu 232, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(31) fl-Artikolu 233, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(32) fl-Artikolu 234, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(33) fl-Artikolu 235, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.";

(34) fl-Artikolu 236, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (b).";

(35) L-Anness A jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(36) L-Anness B jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(37) L-Anness 22-01 jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet għar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġi kkoreġut kif ġej:

(1) fl-Artikolu 124 a, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 124a*

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz ta' dokument "T2L" jew "T2LF"

(l-Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 153(2) tal-Kodiċi)";

(2) fl-Artikolu 126a, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 126a*

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz tal-produzzjoni ta' manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir

(l-Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)";

(3) fl-Artikolu 129 a, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 129a*

Formalitajiet waqt il-ħruġ ta' dokument "T2L" jew "T2LF", fattura jew dokument tat-trasport minn emittent awtorizzat

(l-Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)";

(4) fl-Artikolu 129d, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 129d*

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tal-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir wara t-tluq

(l-Artikoli 6(3)(a) u 153(2) tal-Kodiċi)";

(5) fl-Artikolu 131, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 131*

Trażbord

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)";

(6) fl-Artikolu 193, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 193*

L-awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi)";

(7) fl-Artikolu 195, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 195*

Awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat biex jirċievi l-merkanzija trasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi)";

(8) fl-Artikolu 197, it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 197*

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

(l-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi)";

(9) l-Anness A jiġi kkoreġut skont kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(10) l-Anness B jiġi kkoreġut skont kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(11) l-Anness B-03 jiġi kkoreġut skont kif stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(12) fil-punt (9) tat-Titolu II tal-Anness B-04 "Formalitajiet matul it-tranżitu", it-tieni paragrafu taħt l-intestatura "Il-Kaxxa Trażbord (7/1)", il-kliem "kaxxa 18" jiġu sostitwiti bil-kliem "il-kaxxa Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/7) u l-kaxxa Nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/8)";

(13) l-Anness B-05 jiġi kkoreġut skont kif stabbilit fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(14) fis-seba' ringiela "Il-Kodiċi tan-NM, il-kwantità netta, il-valur (O) tal-prodotti proċessati" tal-ewwel kolonna "Elementi tad-dejta komuni" tal-ewwel tabella tat-Taqsima A tal-Anness 71-05, it-test jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kodiċi tan-NM, il-kwantità netta, il-valur (O) tal-merkanzija".

(15) L-Anness 90 jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(3) għandu japplika mit-2 ta' Ottubru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

L-Anness A tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Titolu I, il-Kapitolu 1, fin-Noti, id-deskrizzjoni tan-nota [14] hija sostitwita b'din li ġejja:

"Din l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' pproċessar attiv EX/IM mingħajr l-użu tal-iskambju standardizzat ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 176, u fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' pproċessar attiv IM/EX.";

(2) fit-Titolu I, il-Kapitolu 1, fin-Noti, id-deskrizzjoni tan-nota [15] hija sostitwita b'din li ġejja:

"Din l-informazzjoni tintuża biss fil-każ ta' awtorizzazzjoni relatata mal-użu ta' pproċessar attiv IM/EX jew użu aħħari.";

(3) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet, fl-element tad-dejta 4/3 ("Post fejn il-kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali huma miżmuma jew aċċessibbli"), l-ewwel paragrafu taħt l-intestatura "Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali kif imsemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi huma dawk il-kontijiet li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet doganali bħala l-kontijiet prinċipali għal finijiet doganali li jippermettu lill-awtoritajiet doganali li jissorveljaw u jimmonitorjaw l-attivitajiet kollha koperti mill-awtorizzazzjoni jew mid-deċiżjoni kkonċernata. Il-materjal kummerċjali, fiskali jew kontabilistiku ieħor eżistenti tal-applikant jista' jiġi aċċettat bħala kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali jekk jiffaċilita kontrolli abbażi ta' verifika.";

(4) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 5 – Identifikazzjoni ta' merkanzija, fl-element tad-dejta 5/9 ("Kategoriji jew movimenti ta' merkanzija esklużi"), il-paragrafu taħt l-intestatura "Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Speċifika l-movimenti, jew inkella – bl-użu tal-ewwel 6 ċifri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda – l-oġġetti tal-merkanzija li huma esklużi mis-simplifikazzjoni.";

(5) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Attivitajiet u proċeduri, fl-element tad-dejta 7/2 ("Tip ta' proċeduri doganali"), il-paragrafu taħt l-intestatura "Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Bl-użu tal-kodiċijiet tal-Unjoni rilevanti, indika jekk l-awtorizzazzjoni hix maħsuba li tintuża għall-proċeduri doganali jew għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin. Fejn applikabbli, daħħal in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni, jekk dan ma jkunx jista' jinkiseb minn informazzjoni oħra fl-applikazzjoni. Jekk l-awtorizzazzjoni għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.";

(6) fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1, Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta IV/6, il-kolonna "Isem tal-E.D.", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet li diġà ngħataw, ċertifikati ta' sigurtà u ta' sikurezza maħruġa abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali, ta' Standard Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, jew ta' Standard Ewropew ta' korp Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jew ċertifikati li jagħtu status ekwivalenti għal dak ta' AEO maħruġa f'pajjiżi terzi u rikonoxxuta fi ftehim.";

(7) fit-Titolu IV, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, l-intestatura tal-element tad-dejta IV/6 hija sostitwita b'din li ġejja:

"IV/6. Simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet li diġà ngħataw, ċertifikati ta' sigurtà u ta' sikurezza maħruġa abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali, ta' Standard Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, jew ta' Standard Ewropew ta' korp Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jew ċertifikati li jagħtu status ekwivalenti għal dak ta' AEO maħruġa f'pajjiżi terzi u rikonoxxuta fi ftehim.";

(8) fit-Titolu V, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, l-element tad-dejta V/1, il-paragrafu taħt l-intestatura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Indika fuq liema elementi li għandhom jiżdiedu jew jiġu mnaqqsa mill-prezz skont l-Artikoli 71 u 72 tal-Kodiċi jew fuq liema elementi li jiffurmaw parti mill-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas skont l-Artikolu 70(2) tal-Kodiċi, tapplika s-simplifikazzjoni (eż. Assists, Royalties, spejjeż tat-trasport eċċ.) segwit minn referenza għall-metodu ta' kalkolu użat għad-determinazzjoni tal-ammonti rispettivi.";

(9) fit-Titolu V, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, l-element tad-dejta VI/2, il-paragrafu taħt l-intestatura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Indika l-perjodu medju, ikkalkolat abbażi tal-perjodu riċenti ta' 12-il xahar, bejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura doganali u t-twettiq tal-proċedura, jew inkella, fejn applikabbli, bejn it-tqegħid tal-merkanzija fi ħżin temporanju u t-tmiem tal-ħżin temporanju. Din l-informazzjoni tingħata biss fejn il-garanzija komprensiva tkun se tintuża biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura speċjali jew għall-operat ta' faċilità ta' ħżin temporanju.";

(10) fit-Titolu XIII, il-Kapitolu 1, Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta XIII/6, il-kolonna "Status", ir-referenza "[1]" titħassar;

(11) fit-Titolu XIV, il-Kapitolu 1, Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta XIV/4, il-kolonna "Isem tal-E.D.", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Skadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari";

(12) fit-Titolu XIV, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, l-element tad-dejta XIV/2, il-paragrafu taħt l-intestatura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Applikazzjoni:*

Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna esportazzjoni jew riesportazzjoni, agħti evidenza li l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 263(2) tal-Kodiċi huma ssodisfati.

Awtorizzazzjoni:

Jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna esportazzjoni jew riesportazzjoni, agħti raġunijiet għala għandu japplika eżoneru skont l-Artikolu 263(2) tal-Kodiċi.";

(13) fit-Titolu XIV, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, l-element tad-dejta XIV/4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"XIV/4. **Skadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari**

L-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet għandha tistabbilixxi, fl-awtorizzazzjoni, limitu ta' żmien biex id-detentur tal-awtorizzazzjoni jibgħat id-dettalji tad-dikjarazzjoni supplimentari lill-uffiċċju doganali sorveljanti.

Il-limitu ta' żmien għandu jiġi espress f'jiem.";

(14) fit-Titolu XX, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, fl-element tad-dejta XX/2, it-test taħt l-intestatura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Applikazzjoni:*

Indika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' garanzija komprensiva jew dwar eżenzjoni mill-garanzija. Jekk l-awtorizzazzjoni rispettiva għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.

Awtorizzazzjoni:

Indika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' garanzija komprensiva jew dwar eżenzjoni mill-garanzija."

ANNESS II

L-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, is-Sezzjoni 1, it-tabella għall-Grupp 1, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta 1/6, fil-kolonna G3, it-test jitħassar;

(2) fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, is-Sezzjoni 1, it-tabella għall-Grupp 2, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta 2/2 hija sostitwita b'din li ġejja:

| | | |

(10) fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, fis-Sezzjoni 2, tiżdied in-nota li ġejja:

"[51]	Dan l-element tad-dejta għandu jintuża biss f'dikjarazzjonijiet supplimentari.";

(11) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 1, l-element tad-dejta 1/6 "Numru tal-oġġett individwali tal-merkanzija", il-kliem "Il-kolonni A1-A3, B1-B4, C1, D1, D2, E1, E2, F1a sa F1d, F2a sa F2c, F3a, F4a, F4b, F4d, F5, G3 sa G5, H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem li ġej:

"Il-kolonni A1 sa A3, B1 sa B4, C1, D1, D2, E1, E2, F1a sa F1d, F2a to F2c, F3a, F4a, F4b, F4d, F5, G4, G5, H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(12) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, fil-Grupp 2, l-element tad-dejta 2/1 "Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti" huwa emendat kif ġej:

(a) qabel l-intestatura "Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:", jiddaħħal it-test li ġej:

"Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mat-tmiem tal-ħżin temporanju.

Tali dettalji għandhom jinkludu l-kwantità tat-tħassir, u l-unità ta' kejl rispettiva.";

(b) l-intestatura "Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" u t-test ta' taħtha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul ippreżentata/i fir-rigward tal-merkanzija qabel il-wasla tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fil-każ ta' merkanzija tal-Unjoni, fejn applikabbli u disponibbli għall-persuna li tippreżenta l-manifest doganali tal-merkanzija, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha l-merkanzija ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera.

Fejn jingħata l-NRM tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, u l-manifest doganali tal-merkanzija jew il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma jikkonċernawx l-oġġetti kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew tad-dikjarazzjoni doganali rispettivament, daħħal in-numri rispettivi tal-oġġett fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew fid-dikjarazzjoni doganali, fejn dawn ikunu disponibbli għall-persuna li tkun qed tippreżenta l-manifest elettroniku.";

(c) l-intestatura "Il-kolonna G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" u t-test ta' taħtha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-kolonna G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 139(4) tal-Kodiċi, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, tad-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew tad-dikjarazzjoni(jiet) doganali li tkun ġiet ippreżentata/jkunu ġew ippreżentati fir-rigward tal-merkanzija.

Fil-każ li dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja tkun ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 145(3) tal-Kodiċi, b'rabta mal-merkanzija kkonċernata, daħħal ir-referenza għal dik id-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja.

Fejn in-notifika tal-preżentazzjoni ma tikkonċernax l-oġġetti kollha ta' merkanzija fid-dikjarazzjoni msemmija ta' qabel, il-persuna li tippreżenta l-merkanzija għandha tipprovdi n-numru/i rilevanti tal-oġġetti attribwit(i) lill-merkanzija f'dik id-dikjarazzjoni ta' qabel.";

(13) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 2, l-element tad-dejta 2/3 "Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali", qabel l-intestatura "Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:", jiddaħħal it-test li ġej:

"Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati ta' importazzjoni/esportazzjoni.

Tali dettalji għandhom jinkludu r-referenza għall-awtorità li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikkonċernat(a), il-perjodu ta' validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat(a), l-ammont jew il-kwantità tat-tħassir u l-unità rispettiva ta' kejl.";

(14) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, fil-Grupp 3, jiżdied it-test li ġej:

"**3/45.** ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tipprovdi garanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tipprovdi l-garanzija, jekk tkun differenti mid-dikjarant.

3/46. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tħallas id-dazju doganali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tħallas id-dazju doganali, jekk tkun differenti mid-dikjarant.";

(15) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, fil-Grupp 5, jiżdied it-test li ġej:

"**5/31. Data tal-aċċettazzjoni**

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew id-data meta l-merkanzija ddaħħlet fir-rekords tad-dikjarant.";

(16) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7, fl-element tad-dejta 7/1 "Trażbordi", l-intestatura "Il-kolonna D3 tat-tabella:" u t-test ta' taħtha jitħassru;

(17) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7, fl-element tad-dejta 7/19 "Inċidenti oħra waqt it-trasport", l-intestatura "Il-kolonna D3 tat-tabella:" u l-paragrafu ta' taħtha jitħassru;

(18) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, fil-Grupp 8, l-intestatura marbuta mal-element tad-dejta 8/7 "Tħassir" u t-test ta' taħtha jitħassru.

ANNESS III

L-Anness 22-01 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

(1) fin-Noti introduttorji, fil-punt 2.1., it-tielet sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

"'Sistema Armonizzata' jew 'SA' tfisser in-nomenklatura tal-oġġetti ta' merkanzija stabbilita skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali tas-27 ta' Ġunju 2014 ('SA 201')."';

(2) Tul it-test tal-Anness, il-kliem "Kodiċi SA 2012" huwa sostitwit bil-kliem "Kodiċi SA 2017";

(3) fit-Taqsima I, il-Kapitolu 2, fit-tabella, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"0206	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, majjal, nagħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tal-irkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat.	L-oriġini tal-oġġetti ta' merkanzija ta' din l-intestatura tkun il-pajjiż fejn l-annimal ikun ġie msemmen għal perjodu ta' mill-anqas 3 xhur qabel il-qatla, jew fil-każ ta' majjal, nagħaġ jew mogħoż, mill-anqas xahrejn qabel il-qatla.";

(4) fit-Taqsima II, qabel il-Kapitolu 14, jiddaħħal it-test li ġej:

"KAPITOLU 11

Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ

Regola residwa tal-Kapitolu applikabbli għat-taħlitiet:

1. Għall-iskopijiet ta' din ir-regola residwa, "taħlit" tfisser l-operazzjoni intenzjonata u kkontrollata b'mod proporzjonali li tikkonsisti filli jingħiebu flimkien żewġ materjali funġibbli jew aktar.

2. L-oriġini ta' taħlita ta' prodotti ta' dan il-Kapitolu tkun il-pajjiż tal-oriġini tal-materjali li jammontaw għal aktar minn 50 % skont il-piż tat-taħlita. Il-piż tal-materjali tal-istess oriġini jittieħed flimkien.

3. Meta l-ebda wieħed mill-materjali użati ma jilħaq il-perċentwal meħtieġ, l-oriġini tat-taħlita tkun il-pajjiż li fih ikun sar it-taħlit.

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji u tar-regola/i residwa/i oħra tal-Kapitolu, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti tal-merkanzija jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-piż tal-materjali.

Kodiċi SA 2017	Deskrizzjoni tal-merkanzija	Regoli primarji
1101	Dqiq tal-qamħ jew tal-meslin.	CC
1102	Dqiq taċ-ċereali ħlief tal-qamħ u tal-meslin	CC
1103	Xgħir u barli mitħun oħxon (cereal groats), pasta u gerbub.	CC
1104	Ħbub tal-qamħ maħdumin mod ieħor (pereżempju, imqaxxrin, imremblin, imqattgħin irqiq, imfarrkin f'biċċiet tondi, imfettin jew mitħunin oħxon), ħlief ross tal-intestatura 1006; nibbieta taċ-ċereali, sħiħa, imrembla, imqattgħa rqiq jew mitħuna.	CC
1105	Dqiq, pasta, trab, bċejjeċ irqaq, ħbub u gerbub tal-patata.	CC
1106	Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi mnixxfin tal-intestatura 0713, tas-sagu jew ta' għeruq jew tuberi tal-intestatura 0714 jew tal-prodotti tal-Kapitolu 8	CC
1107	Malt, kemm jekk inkaljat jew le.	CC
1108	Lamti; inulina.	CTH
1109	Gluteina tal-qamħ, imnixxfa jew le.	CTH";

(5) fit-Taqsima IV, il-Kapitolu 20, it-tabella, ir-ringiela marbuta mal-Kodiċi SA 2012 ex 2009, fil-kolonna "Deskrizzjoni tal-merkanzija", il-kliem "Meraq tal-għeneb Oħrajn" huwa sostitwit bil-kliem "Meraq tal-għeneb";

(6) fit-Taqsima XI, il-Kapitolu 58, it-tabella, ir-ringiela marbuta mal-Kodiċi SA 2012 5804, fil-kolonna "Deskrizzjoni tal-merkanzija", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Tullijiet u drappijiet oħrajn ta' xibka, mhux inklużi drappijiet minsuġin, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ; bizzilla bil-biċċa, fi strixxi jew f'motifi, ħlief drappijiet tal-intestaturi 6002 sa 6006.";

(7) fit-Taqsima XVI, il-Kapitolu 84, l-intestatura "Definizzjoni ta' 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi' għall-fini tal-intestatura 8473" u ż-żewġ sentenzi ta' warajha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Definizzjoni ta' 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi'

Ir-regola primarja 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi', użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.";

(8) fit-Taqsima XVI, il-Kapitolu 85 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura "Id-definizzjoni ta' 'assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi' għall-finijiet tal-intestaturi 8535, 8536, 8537, 8541 u 8542" u ż-żewġ sentenzi ta' warajha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Definizzjoni ta' 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi'

Ir-regola primarja 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi', użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.";

(b) fit-tabella, wara r-ringiela marbuta mal-Kodiċi SA 2012 ex 8501, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

"**ex 8523 59**	Ċirkwit bil-karta taċ-ċippa integrata b'kojl integrat	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
ex 8525 80	Komponent tal-immaġnijiet tas-semikondutturi	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi";

(c) fit-tabella, ir-ringiela marbuta mal-Kodiċi SA 2012 ex 8536, fil-kolonna "Deskrizzjoni tal-merkanzija", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Apparat elettriku semikonduttur għall-iswiċċjar jew il-protezzjoni ta' ċirkwiti elettriċi, jew biex isiru konnessjonijiet miegħu jew f'ċirkwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, rilejs, fusien, suppressuri taż-żidiet f'daqqa tal-enerġija, plakek, sokits, ħolders tal-lampi u konnetturi oħrajn, kaxex tal-junction), għal vultaġġ ta' mhux iktar minn 1 000 volt".

(d) fit-tabella, ir-ringiela marbuta mal-Kodiċi SA 2012 ex 8537 10 titħassar;

(e) fit-tabella, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

"**ex 8548 90**	Moduli b'konnessjoni intelliġenti inkluż kontrollur tal-komunikazzjoni u kontrollur sigur bi Smart Card	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi";

(9) fit-Taqsima XVIII, il-Kapitolu 90 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura "Definizzjoni ta' 'assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi' għall-finijiet tal-intestaturi 9026 u 9031" u ż-żewġ sentenzi ta' warajha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Definizzjoni ta' 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi'

Ir-regola primarja 'Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi', użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.";

(b) it-tabella hija sostitwita b'din li ġejja:

"Kodiċi SA 2017	Deskrizzjoni tal-merkanzija	Regoli primarji
ex 9029	Komponent semikonduttur b'senser għall-kamp manjetiku bbażat fuq elementi resistivi manjetosensittivi, kemm jekk b'komponent addizzjonali għall-kundizzjonament tas-sinjal kif ukoll jekk mingħajru	CTH, għajr mill-intestatura 9033; jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi".

ANNESS IV

L-Anness A tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) fit-Titolu I, il-Kapitolu 1, fin-Noti, id-deskrizzjoni tan-Nota [10] hija sostitwita b'din li ġejja:

"Din l-informazzjoni tiġi pprovduta biss għall-finijiet tal-applikazzjonijiet li ġejjin:

(a) applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċessar attiv jew proċeduri ta' użu aħħari fejn l-applikant huwa stabbilit barra mit-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 162;

(b) applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju kif imsemmi fl-Artikolu 205.";

(2) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet, fl-element tad-dejta 4/8 ("Il-post fejn tinsab il-merkanzija"), it-test taħt l-intestatura "Kolonni 7b sa 7d tat-tabella:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post jew tal-postijiet fejn tista' tinsab il-merkanzija meta titqiegħed taħt proċedura doganali.";

(3) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet, fl-element tad-dejta 4/10 ("Uffiċċju(i) doganali tar-rilaxx"), it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju/i doganali suġġerit(i) ta' kollokament, kif definit fl-Artikolu 1(17).".

(4) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet, fl-element tad-dejta 4/13 ("Uffiċċju doganali ta' superviżjoni"), it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju doganali sorveljanti kompetenti, kif definit fl-Artikolu 1(36).";

(5) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 5 – Identifikazzjoni ta' merkanzija, fl-element tad-dejta 5/1 ("Kodiċi tal-prodott bażiku"), l-intestatura "Kolonni 7c sa 7d tat-tabella:" hija sostitwita bl-intestatura

"Kolonni 7b sa 7d tat-tabella:";

(6) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 5 – Identifikazzjoni ta' merkanzija, l-element tad-dejta 5/4 ("Valur tal-merkanzija") huwa kkoreġut kif ġej:

(a) l-intestatura "Kolonni 8a; 8b u 8d tat-tabella:" hija sostitwita bl-intestatura "Kolonni 8a sa 8d tat-tabella:";

(b) l-intestatura "Kolonni 8c tat-tabella:" u t-test ta' taħtha jitħassru;

(7) fit-Titolu XVI, il-Kapitolu 2, Rekwiżiti tad-dejta, fl-element tad-dejta XX/3 ("Garanziji addizzjonali"), ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— il-banana tkun intiżnet skont il-proċedura stabbilita fl-Anness 61-03 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447,".

ANNESS V

L-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, is-Sezzjoni 1, it-tabella, ir-ringiela marbuta ma' G4, fil-kolonna "Bażi legali", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikoli 5(17) u 145 tal-Kodiċi";

(2) fit-Titolu I, il-Kapitolu 2, is-Sezzjoni 1, it-tabella, ir-ringiela marbuta ma' G5, fil-kolonna "Bażi legali", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 148(5)(b) u (c) tal-Kodiċi";

(3) fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, is-Sezzjoni 1, it-tabella għall-Grupp 5, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta 5/1, fil-kolonna "Numru tal-Kaxxa", ir-referenza "S12" titħassar;

(4) fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, is-Sezzjoni 1, it-tabella għall-Grupp 7, ir-ringiela marbuta mal-element tad-dejta 7/13, fil-kolonna "Isem tal-E.D.", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kodiċi tat-tip ta' fornitur ta' kontejner";

(5) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*

(6) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*

(7) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 3 – Partijiet, fl-element tad-dejta 3/2 "Numru ta' identifikazzjoni tal-esportatur", il-kliem "Il-kolonni H1 sa H4 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem:

"Il-kolonni H1, H3 u H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(8) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 3 – Partijiet, fl-element tad-dejta 3/17 "Dikjarant", il-kliem "Il-kolonni H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk id-dikjarant u l-importatur ikunu l-istess persuna, daħħal il-kodiċi rilevanti ddefinit għall-E.D. 2/2 Informazzjoni addizzjonali.";

(9) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 3 – Partijiet, fl-element tad-dejta 3/36 "Numru ta' identifikazzjoni tal-parti li trid tiġi nnotifikata – Kuntratt tat- trasport fuq livell domestiku", l-ewwel paragrafu taħt l-intestatura "Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI tal-parti li trid tiġi nnotifikata msemmi fl-Artikolu 1(18), kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.";

(10) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 5 – Dati/Ħinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni, fl-element tad-dejta 5/1 "Id-data u l-ħin stmat tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni", il-kliem "Il-kolonni G1 sa G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem

"Il-kolonni G1 u G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(11) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 5 – Dati/Ħinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni, l-element tad-dejta 5/20 "Kodiċi tal-pajjiżi minn fejn tgħaddi l-kunsinna" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**5/20.** ***Kodiċi tal-pajjiżi minn fejn tgħaddi l-kunsinna***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija kif stipulat fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-tagħbija, fl-aktar polza baxxa tal-vjeġġ bl-ajru tal-merkanzija jew fid-dokument tat-trasport bl-art/bil-ferrovija. Din tinkludi wkoll il-pajjiżi tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija tal-merkanzija.";

(12) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*

(13) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, fil-Grupp 6 – Identifikazzjoni tal-merkanzija, l-elementi tad-dejta 6/16 "Kodiċi tal-prodott bażiku – Kodiċi addizzjonali tat-TARIC" u 6/17 "Il-kodiċi tal-prodott bażiku – Il-kodiċi(jiet) nazzjonali addizzjonali" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**6/16.** ***Kodiċi tal-prodott bażiku – Kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

6/17. ***Kodiċi tal-prodott bażiku – Kodiċi(jiet) nazzjonali addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali nazzjonali li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.";

(14) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), fl-element tad-dejta 7/3 "Numru ta' referenza tat-twassil", in-noti huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**7/3.** ***Numru ta' referenza tat-twassil***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni tal-vjaġġ tal-mezz ta' trasport, pereżempju n-numru tal-vjaġġ, in-numru tat-titjira tal-IATA, jew in-numru tal-ħruġ, jekk ikun applikabbli.

Għal trasport marittimu u bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-bastiment jew tal-ajruplan jittrasporta l-merkanzija taħt arranġament għall-kondiviżjoni tal-bastiment, għall-kondiviżjoni tal-kodiċi jew taħt ftehim kontraenti simili ma' msieħba, għandu jintuża n-numru tal-vjaġġ jew tat-titjira tal-imsieħba.";

(15) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), l-element tad-dejta 7/7 "Identità tal-mezz ta' trasport fil-punt tat-tluq" huwa kkoreġut kif ġej:

(a) il-kliem "Il-kolonni B1 u B2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem "Il-kolonni B1, B2 u B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(b) l-ewwel paragrafu taħt l-intestatura "Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-Numru ta' Identifikazzjoni uniku Ewropew għall-Bastimenti (il-kodiċi tal-ENI) għal trasport bil-baħar jew fl-ilmijiet navigabbli interni. Għal modi oħra ta' trasport, il-metodu ta' identifikazzjoni għandu jkun identiku għal dak mogħti fil-kolonni B1, B2 u B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta.";

(16) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), l-element tad-dejta 7/9 "Identità tal-mezz ta' trasport mal-wasla", il-kliem "Il-kolonni G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem:

"Il-kolonna G4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(17) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), l-intestatura tal-element tad-dejta 7/11 "Identifikazzjoni tad-daqs u t-tip ta' kontejner" hija sostitwita bl-intestatura "Daqs u tip ta' kontejner";

(18) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), fl-element tad-dejta 7/14 "Identità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera", il-kliem "Il-kolonni E2, F1a sa F1c, F2a, F2b, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem:

"Il-kolonni E2, F1a sa F1c, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:";

(19) fit-Titolu II, Rekwiżiti tad-dejta, il-Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir), fl-element tad-dejta 7/15 "Nazzjonalità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera", il-kliem "Il-kolonni F1a, F1b, F2a, F2b, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir- rekwiżiti tad-dejta:" huwa sostitwit bil-kliem

"Il-kolonni F1a, F1b, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:".

ANNESS VI

Fl-Anness B-03 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fil-Kapitolu I, il-kampjun tal-lista tal-merkanzija huwa sostitwit b'dan li ġej:

“

LISTA TA' OĠĠETTI TA' TRANŻITU

MRN

Formoli (1/4)

Għadd u tip ta' pakketti, marki tal-trasport (6/9-6/10-6/11)	Numru ta' referenza / UCR (2/4)			Ogg. Nru (1/6)
	Dokumenti prodotti / certifikati (2/3)			
Informazzjoni addizzjonali (2/2)	Nru tal-Id. tal-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista (3/37)			
Esportatur (3/1-3/2)	Destinatarju (3/9-3/10)			
Identità u nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/7-7/8)	Kod. tal-Prodott Bażiku (6/14)		Numri tal-kontejners (7/10)	
Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tal-trasport li jaqsam il-fruntiera (7/14-7/15)	Dikjarazzjoni ssimplifikata / Dokumenti preċedenti (2/1)		Massa netta (kg) (6/1)	
Deskrizzjoni tal-merkanzija - Kodiċi CUS (6/8-6/13)	TCMPc (4/2)	Kod. paj. dest. (5/8)	Tip ta' dik. (V3)	Massa grossa (kg) (6/5)

ANNESS VII

Fl-Anness B-05 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fit-Titolu I, il-kampjun tal-Lista ta' Oġġetti fit-Tranżitu/ta' Sigurtà huwa sostitwit b'dan li ġej:

“

LISTA TA' OĠĠETTI TA' TRANŻITU

MRN				
Formoli (1/4)				
Ghadd u tip ta' pakketti, marki tat-trasport (6/9- 6/10- 6/11)	Numru ta' referenza / UCR (2/4)			Ogġ. Nru (1/6)
	Dokumenti prodotti / certifikati (2/3)			
Informazzjoni addizzjonali (2/2)	Nru tal-Id. tal-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista (3/37)			
Esportatur (3/1- 3/2)	Destinatarju (3/9- 3/10)			
Identità u nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/7- 7/8)	Kod. tal-Prodotti Bażiku (6/14)		Numri tal-kontejners (7/10)	
Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera (7/14- 7/15)	Dikjarazzjoni ssimplifikata / Dokumenti preċedenti (2/1)		Massa netta (kg) (6/1)	
Deskrizzjoni tal-merkanzija - Kodiċi CUS (6/8- 6/13)	TCMPc (4/2)	Kod. paj. dest. (5/8)	Tip ta' dik. (1/3)	Massa grossa (kg) (6/5)

”.

ANNESS VIII

Fl-Anness 90 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/2446, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) fir-ringiela 5, fil-kolonna "Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Awtorizzazzjonijiet għal "dikjarazzjoni simplifikata" (L-Artikolu 76(1)(a) u (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 253 sa 253 g, 254, 260 sa 262, 269 sa 271, 276 sa 278, 282, 289 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)";

(2) fir-ringiela 6, fil-kolonna "Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-Kodiċi ta' dan ir- Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447", it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"U/jew postijiet magħżula jew approvati mill-awtoritajiet doganali kif imsemmi fl-Artikolu 5(33) tal-Kodiċi";

(3) fir-ringiela 15, fil-kolonna "Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93", it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(L-Artikoli 84 sa 90, l-Artikoli 114 sa 123 u l-Artikolu 129 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92; l-Artikoli 496 sa 523 u l-Artikoli 536 sa 549 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)";

(4) fir-ringiela 16, fil-kolonna "Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93", l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Awtorizzazzjoni għal sistema ta' pproċessar attiv bir-rifużjoni (L-Artikoli 84 sa 90 u l-Artikoli 114 sa 129 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92; l-Artikoli 496 sa 523, l-Artikoli 536 sa 544 u l-Artikolu 550 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)".